# Ir-reazzjoni ta' BirdLife Malta għall-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa

## Il-Gvern u l-Pulizija mħeġġa jpoġġu l-infurzar tal-liġijiet ambjentali bħala prijorità tul ix-xhur li ġejjin

Issa li l-Gvern, permezz tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) ħabbar formalment id-dati tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa għal din is-sena li fetaħ illum, BirdLife Malta tappella kif tagħmel kull sena biex kulħadd jobdi l-liġijiet li għandu pajjiżna biex iħarsu l-għasafar u jirrapporta kull illegalità li tista' titwettaq tul dan il-perojdu.

Settembru jġib miegħu l-bidu ta' żmien eċitanti għal dawk kollha li jħobbu l-għasafar u n-natura f'Malta, bil-passa tal-ħarifa tat-tajr tal-priża u numru ta' għasafar oħra. Kull ħarifa, ħafna għasafar tal-priża migratorji li jkunu qed jaqsmu l-Baħar Mediterran fi triqithom lejn l-Afrika jfittxu kenn fil-Gżejjer Maltin.

Il-liġijiet ta' Malta jippermettu l-qtil ta' 40 speċi ta' għasafar tul il-ħames xhur tal-ħarifa, 12 minnhom minn fuq il-baħar ukoll. Il-bqija tal-ispeċi huma protetti bil-liġi Maltija u internazzjonali u BirdLife Malta tistenna li kulħadd josserva dawn ir-regolamenti.

BirdLife Malta tibqa' konsistenti fil-kritika tagħha dwar il-fatt li matul il-qofol tal-passa tat-tajr tal-priża, se terġa' tkun permessa kaċċa sas-19:00. Kien hemm żmien meta din il-miżura kienet aktar effettiva favur il-ħarsien ta' dawn l-għasafar għax ma kinitx tkun permessa kaċċa wara t-15:00. B'rabta mal-kwota u l-istaġun limitat tal-kaċċa għall-Gamiema – li dan l-aħħar ġiet klassifikata bħala vulnerabbli mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) – BirdLife Malta tilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li din il-kwistjoni qed tiġi rikonoxxuta imma hija tal-fehma li l-miżuri li qed jittieħdu mhux se jkunu effettivi. Huwa rari li l-gamiem ipassi wara Settembru bil-qofol tal-passa tiegħu tkun fl-ewwel ġimagħtejn ta' Settembru. Jibqgħu dubji serji kemm tista' tiġi kontrollata l-kwota nazzjonali ta' 7,000 għasfur li jistgħu jinqatlu. Bħal kull kwota oħra għall-għasafar, sew jekk fil-każ tal-kaċċa u wkoll fil-każ tal-insib, BirdLife Malta tibqa' xettika dwar dak li jiġi verament irrappurtat u ddikjarat. Minkejja f'dan, BirdLife Malta tħares 'il quddiem lejn kollaborazzjoni mill-qrib mal-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) u ma' msieħba oħra fl-Ewropa fl-isforzi biex jiġu implimentati miżuri serji ta' konservazzjoni madwar il-kontinent ħalli jitnaqqas il-periklu tal-estinzjoni tal-Gamiema.

B'madwar 10,000 kaċċatur, Malta hi l-pajjiż bl-ogħla densità ta' kaċċaturi fl-Unjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan inħeġġu lill-awtoritajiet, b'mod partikolari lill-Korp tal-Pulizija u lit-taqsima

tal-Administrative Law Enforcement (ALE) biex ipoġġu l-ħarsien tal-għasafar u l-ħabitats tagħhom fuq nett tal-aġenda. Nistennew li l-ALE tieħu mill-ewwel l-azzjonijiet neċessarji kontra dawk li jinqabdu jiksru r-regolamenti. Min-naħa tagħna, nibqgħu lesti li nassistu u nikkollaboraw mal-uffiċjali tal-infurzar kif dejjem għamilna fil-passat. F'dan il-kuntest BirdLife Malta se tkun qed terġa' torganizza r-Raptor Camp annwali tagħha biex tissorvelja l-kaċċa illegali u taċċerta ruħha li l-għasafar li s-soltu jispiċċaw fil-mira f'Malta jiġu protetti.

BirdLife Malta tittama wkoll fil-kollaborazzjoni tal-pubbliku biex ikun żgurat li l-infurzar tal-liġijiet ambjentali jibqa' prijorità tul l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa ta' din is-sena. Waqt li nittamaw li l-illegalitajiet jibqgħu jonqsu, inħeġġu lil kull min jiltaqa' ma' xi każ ta' kaċċa illegali biex jirrapporta immedjatament lill-pulizija u lil BirdLife Malta biex tkun tista' tittieħed azzjoni mill-ewwel.

Każi ta' ksur tal-liġi u ta' għasafar feruti jistgħu jiġu rrappurtati lil BirdLife Malta billi wieħed iċempel fuq 2134 7645/6 fil-ħinijiet tal-uffiċċju jew fuq il-*hotline* 7925 5697 (numru strettament riservat għal każi ta' reati kriminali u emerġenzi) filgħaxijiet u tul tmiem il-ġimgħa. Rapporti oħra jistgħu jintbagħtu permezz ta' *email* fuq info@birdlifemalta.org inkella permezz ta' messaġġ fuq il-Facebook tagħna fl-indirizz www.facebook.com/birdlifemalta.

## TMIEM

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
L-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa f'Malta. Trid tkun taf x'inhu permess u x'inhu illegali?
http://birdlifemalta.org/advice/hunting/

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/HAlhw8GyZK**

1. BirdLife Malta tibqa' lesta li tassisti u tikkollabora mal-uffiċjali tal-infurzar kif dejjem għamlet fil-passat (Ritratt, BirdLife Malta)
2. Osservazzjoni tal-għasafar tul il-passa tal-ħarifa (Ritratt, BirdLife Malta)
3. Attività ta' *birdwatching* waqt il-passa tal-għasafar fil-ħarifa (Ritratt, Steven Williams)
4. Il-passa tal-ħarifa tattira wkoll osservaturi żgħar tal-għasafar (Ritratt, BirdLife Malta)
5. Osservazzjoni tal-għasafar fil-ħarifa (Ritratt, John Aldridge)
6. Il-passa tal-ħarifa (Ritratt, John Aldridge)
7. Parteċipanti tar-Raptor Camp ta' BirdLife Malta josservaw tajra tal-priża (Ritratt, Robert Spanring)
8. Ir-Raptor Camp organizzat minn BirdLife Malta fil-passa tal-ħarifa (Ritratt, BirdLife Malta)
9. *Birdwatching* waqt ir-Raptor Camp ta' BirdLife Malta (Ritratt, BirdLife Malta)
10. Il-passa tal-ħarifa (Ritratt, John Aldridge)